# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 98/7

Il-Ħamis 15 ta' Frar 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-7.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

98.1 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2017

98.2 Tmiem tal-laqgħa.

---

## Minuti

Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-7.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**98.1.0 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2017**

98.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku spjega għaliex din il-laqgħa ġiet imsejħa b'urġenza kif ukoll l-importanza ta' din il-laqgħa.

Il-Kunsill ġie infurmat li matul is-sena 2017, il-Kunsill kiseb bilanċ favorevoli ta' €80537.00 u li l-Kunsill kompla jaħdem skont il-parametri finanzjarji għall-Kunsill skont il-liġi.

98.1.2 Qam il-punt dwar kif ġie ittrattat il-kont tal-ARMS dwar Ġnien Ġlormu Cassar liema kont kien u għadu qed jiġi rrifjutat mill-Kunsill iżda dwar dan il-kont id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ħallas nofs dan il-kont, liema somma ta' €4750.00 kienet tnaqqset direttament mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-qagħda preżenti dwar dan il-kont u li l-Kunsill għadu jinsisti li l-ebda ħlas qatt ma kien jew possibbilment dovut mill-Kunsill speċjalment meta dan l-ispazju miftuħ la qatt kien u lanqas huwa devolut għand il-Kunsill.

Il-Kunsill ġie infurmat li hemm possibilità kbira li din il-materja tiġi għall-attenzjoni tal-awdituri. Il-Kunsill qabel li għandu jinżamm infurmat dwar il-qagħda u xi żviluppi dwar din il-pendenza.

98.1.3 Fuq proposta tas-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva dan ir-rapport finanzjarju għas-sena 2017 kif preżentat.

Il-Kunsill qabel ukoll li dan ir-rapport jiġi ffirmat skont kif titlob il-proċedura u jiġi ppreżentat lill-awdituri tal-Kunsill u lill-uffiċċju tal-Awditur Ġenerali u entitajiet oħra skont kif ikun meħtieġ.

**98.2.0 Tmiem tal-laqgħa**

98.2.1 Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa ġiet eżawrita, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.30pm sine die.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv